**11 ta' Diċembru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emanuele Pulo

*versus*

Emanuele Falzon

**Kompensazzjoni — Bejgħ — Barrin — Prezz ta' — Ħsara fil- — Biċċerija — Użu ta' — Polza.**

*Minn jiġi azzjonat għall-ħlas ta' prezz ta' barrin mibjugħa ma*

*jistax jeċċepixxi l-kumpensazzjoni minħabba allegata ħsara li kienet dovuta in rispett għall-bejgħ ta' barrin diversi. Skond l-użu tal-biċċerija l-ħlas u konsenja tal-polza tal-barri jew barrin meta jingħata l-kont jiffinalizza n-negozju.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppermetta illi huwa biegħ u kkunsinna lill-konvenut diversi barrin bil-prezz ta' seba' mija u wieħed u erbgħin lira, tlettax-il xelin u disa' *soldi (£741.13.9) u li l-konvenut ħallas akkont mija* seba' u disgħin lira, (£197) u *għad fadallu* jagħti bilanċ ta' ħames mija u erba' u erbgħin lira tlettax-il xelin u disa' soldi (£544.13.9) kif jirriżulta mill-poloz li jiġu esibiti waqt *it-trattazzjoni* tal-kawża, u li dan *interpellat* sabiex iħallas l-imsemmi bilanċ, baqa' ma ħallasx, talab li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti kollha opportuni; il-konvenut *jiġi* kkundannat iħallsu s-somma ta' ħames mija erba' u erbgħin lira tlettax-il xelin u disa' soldi (£544.13.9) bilanċ ta' prezz ta' barrin lilu mibjugħa u kkunsinnati. Bl-imgħaxijiet *kummerċjali* dekorribbli mid-data *tal-bejgħ u bl-ispejjeż;*

Omissis

Rat is-sentenza ta' *dik il-Qorti* tas-6 ta' Ġunju, 1967 li biha ddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni sollevata mill-konvenut neħħi għall-ammont ta' sitt xelini, salvi *r-riżervi* favur il-kontendenti *t-tnejn*, dejjem jekk u skond il-liġi, u kwindi laqgħet t-talba attriċi għall-ammont ta' £741.7.9 bl-imgħax kummerċjali mill-11 ta' Ġunju, 1965 (data tat-tieni bejgħ), u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat:—

Omissis

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi milqugħa

l-eċċezzjoni ta' kumpensazzjoni sollevata minnu għall-ammont kollu tal-kreditu tiegħu ta' £660.5.9 jew ammont verjuri fil-kwantità entranti u jiġi revokat il-kap li bih ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur għall-ammont ta' £741.7.9 billi jiġi deċiż l-ewwelnett illi l-ammont għandu jiġi ridott għall-ammont ta' £544.13.9. mitlub mill-attur fiċ-ċitazzjoni, u, fit-tieni lok illi dan l-ammont jinsab kompensat fl-entranti kwantità mal-kreditu ta' l-istess appellant u għalhekk it-talba ta' l-attur tiġi għal kollox miċħuda salva riserva favur ta' l-istess appellant għall-bilanċ tal-kreditu tiegħu u l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jiġu akkollati lill-attur.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-att kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

It-talba ta' appellat fiċ-ċitazzjoni kienet għall-kundanna tal-appellant għall-ħlas ta' £544.13.9 bilanċ ta' £741.13.9 prezz ta' barrin li minnhom l-appellant kien ħallas £197 akkont. Bi svista evidenti, l-ewwel Onorabbli Qorti, meta laqgħet it-talba ta' l-appellat fid-dispożittiv tas-sentenza appellata, ikkundannat lill-appellant għall-ħlas lill-appellat ta' l-imsemmi ammont oriġinali ta' £741.13.9 nieqes 6/- flok għal bilanċ mitlub ta' £544.13.9 dedotti sitt xelini. S'intendi dan hu żball u l-appellat stess naturalment jammettih. Di fatti b'nota preżentata quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 1967 l-appellat irrinunzja għall-effetti tas-sentenza appellata in kwantu akkordat eċċess fuq is-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni u in vista ta' din in-nota l-appellant iddikjara illi ma hemmx lok għal deċiżjoni fuq dik il-parti tat-talba magħmula fil-petizzjoni ta' l-appell dwar dak l-eċċess.

Għalhekk issa l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti f'din is-sen-

tenza ser jipproċedu fuq il-bażi bħalli kieku t-talba ta' l-appellat ġiet fis-sentenza appellata milqugħa mhux, kif fil-fatt erroneament ġiet milqugħa, għall-ammont ta' £741.7.9., iżda għall-ammont ta' £544.7.9.

L-appellant jippretendi illi dan l-aħħar ammont jinsab aktar milli kompensat bil-kreditu li hu stess għandu kontra l-appellat, ammontanti skond il-pretensjoni tiegħu, għall-£660.5.9 (ara prospett anness mal-petizzjoni, fol. 103) Il-partiti li minnhom, skond l-appellant hu kompost dan il-kreditu huma erba' u ċioè

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ħsara ta' fwied u interjuri ta' 511-il barri, meħuda medja ta' 3½ rtal għal kull barri bis-6.6 ir-ratal ... ... ... ... ... | £568. 9. 9. |
| 2. | Prezz ta' saqajn ta' 700 barri bil-2.6 kull sieq ... ... ... ... ... ... ... | 87.10. 0. |
| 3. | Somma mħallsa żejda għal barri ... ... | 4. 0. 0. |
| 4. | Tindif ta' post ... ... ... ... ... | 6. 0. |

Minn dawn il-partiti kollha l-ewwel Onorabbli Qorti ammettiet biss l-aħħar waħda, ċioè dik ta' £0.6.0.

Rigward l-ewwel żewġ partiti l-ewwel Onorabbli Qorti sostanzjalment irriteniet illi l-pretensjoni ta' l-appellant għal kompensazzjoni ma setgħetx tiġi milqugħa, mhux biss għaliex l-appellant ma tax dettalji speċifiċi li minnhom sata' jiġi, imqar approssimativament kalkolat l-ammont tal-kreditu reklamat minnu, imma wkoll, prinċipalment, għaliex in-negozji li dwarhom l-appellant qed jippretendi kreditu kienu separati u distinti minn dawk li minnhom joriġina l-kreditu ta' l-appellat, u kull negozju kellu jitqies magħluq bil-konsenja tal-polza relativa.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jingħad illi dik il-konklużjoni hi żbaljata jew inġustifikata.

It-talba ta' l-appellat hi għall-prezz ta' ħames barrin partikolari, mibjugħin u konsenjati lill-appellant bejn l-4 ta' Ġunju, 1965 u d-9 ta' Lulju, ta' l-istess sena, skond kif jidher mill-ħames poloz eżibiti mill-appellat fol. 21-25 tal-process. Dan il-kreditu ta' l-appellat mhux bl-ebda mod kontestat, fih innifsu, mill-appellant; anzi hu ammess minnu, u bħala tali għandu naturalment jitqies konkludentement pruvat. Mill-poloz u dokumenti oħra eżibiti mill-appellant donnu jidher illi l-bejgħ ta' dawk il-ħames barrin kien l-aħħar negozju li sar bejn l-appellant u l-appellat.

Issa l-pretensjoni ta' l-appellant hi illi, madak il-kreditu likwidu u ċert u bl-ebda mod kontestat ta' l-appellat kontra tiegħu, riferibbli għal partita partikolari ta' barrin, hu (l-appellant) għandu dritt jikkompensa kreditu tiegħu nnifsu li hu jgħid li għandu kontra l-appellat, derivanti kif jgħid hu minn negozji oħra ta' barrin mixtrija minn għand l-appellat fil-kors ta' xi sentejn. Rigward dawn in-negozji l-oħra jidher, mill-istess provi ta' l-appellant, illi l-poloz tal-biċċerija ġew konsenjati lilu u li saru l-kontijiet (ara speċjalment doks. fol. 79-92).

Issa jidher abbondantement pruvat mill-preponderanza tal-provi billi, skond l-użu tal-biċċerija, f'din ix-xorta ta' negozji, meta tiġi konsinnata l-polza lix-xerrej għax dan ikun ħallas dak in-negozju partikolari jitqies magħluq. Hekk xehed p.eż. John Camilleri li qal: "Sa fejn naf jiena meta l-biċċier iħallas u jieħu l-polza, allura in-negozju jkun magħluq." Hekk ukoll xehed Ġorġ Micallef: "Meta jiena nillikwida fuq il-polza u nħallas, nieħu l-polza, allura l-ftehim ikun sar dak il-ħin, u m'hemmx iżjed kwistjoni". L-appellant innifsu irrikonoxxa illi għalkemm hu kellu diversi negozji tal-barrin ma l-appellat u kontinwament kien ikollhom dawn in-negozji "però kull negozju hu separat mill-ieħor".

Fil-każ preżenti jidher illi l-appellant ma kienx iħallas separatament għal kull barri jew negozju ta' barrin individwali iżda kien iħallas akkonti u mbagħad kull tant żmien kienu jsiru l-kontijiet bejn il-partijiet u jiġu konsenjati lill-appellant il-poloz riferibbli gan-negozji li skond dawk il-kontijiet kienu jkunu ġew saldati. Issa anki jekk tittieħed il-versjoni ta' l-użu tal-biċċerija l-aktar favorevoli għall-appellant kif donnha tidher mix-xhieda ta', per eżempju Emmanuele Galea xhud prodott mill-appellant u ex-impjegat tiegħu, is-soluzzjoni tibqa', fil-fehma tal-Qorti, sfavorevoli għall-appellant. Galea xehed hekk: "L-ewwel fuq il-polza jintiżen il-piż sħiħ tal-barri. Mill-piż jitnaqqas ir-rimi, minn jixtri jħallas il-prezz kollu mbagħad il-bejjiegħ jagħtik lura l-flus tal-ħsara. Hemm min jixtri jħallas il-prezz kollu li jirriżulta mill-polza, il-bejjiegħ jagħtik dak il-ħin stess tar-rimi. Jekk ix-xerrej ikun iħallas bil-kont allura jirranġa ħin ieħor. Suppost li mal-polza li jirċevi x-xerrej jagħti l-flus, imma hawn min jagħmel pagamenti akkont u f'dan il-każ il-poloz jibqgħu għand il-bejjiegħ u joħodhom meta jaqtgħu l-kont. Ġie li meta wieħed ikun qed jagħmel pagamenti akkont jittira biċċa mill-poloz u ġie li billi jkun hemm fiduċja, iħalli l-poloz f'idejn il-bejjiegħ sakemm jaqtgħu l-bejgħ kollu, però, fi kwalunkwe każ, il-kont tar-rimi jsir fl-aħħar". Dan jidher li jfisser illi anki meta l-ħsara ma kienitx titniżżel fuq il-polza u ma ssir għal kull barri li jintiżen, b'dana kollu meta jsiru l-kontijiet jittieħed kalkolu tal-ħsara u din allura tinqata' mill-kont, b'mod illi l-kont magħmul bejn il-bejjiegħ u x-xerrej jaqta', għar-rigward tan-negozji koperti bih, kull kwistjoni. Dan jidher konfermat mix-xhieda ta' Maurice Caruana, xhud wkoll prodott mill-appellant u li kien jaħdem miegħu, li qal fil-kontroeżami. "Qatt ma kont preżenti meta illikwidaw il-kontijiet meta nimmaġina li kienu jiġu konsiderati r-riduzzjonijiet meta dovuti." U t-tifel ta' l-appellant stess illi, għalkemm fil-waqt ta' l-użin tal-barrin ma kienx jitniżżel notament tal-ħsara fl-interjuri "mbagħad wieħed kien jirranġa meta jkunu qegħdin isiru l-kontijiet".

Issa ma hemmx dubju li ma tul iż-żmien ta' xi tliet snin li l-partijiet jidhru li innegozjaw bejniethom, saru diversi kontijiet kif jidher mid-dokumenti eżibiti mill-istess appellant. F'xi whud minnhom hemm espressament ikkalkolata riduzzjoni għar-rimi u, in bażi, għall-provi hawn fuq imsemmija għandu jiġi ritenut illi, b'dawk il-kontijiet, kull kwistjoni ta' tnaqqis għar-rimi inqatgħet għar-rigward tan-negozji kollha koperti bihom u li dwarhom, kif ġa ntqal, ġew anki kunsinnati lill-appellant il-poloz relativi.

L-appellant però jippretendi illi, nonostanti dawk il-kontijiet u nonostanti l-użu tal-biċċerija, il-kwistjoni tar-riduzzjoni għar-rimi rigward in-negozji kollha li hu kellu ma l-appellat baqgħet miftuħa għaliex hu kien jipprotesta ma l-appellat jew l-iskrivan tiegħu u kien jiġi promess lilu li "jirranġawlu". Din hi pretensjoni li l-prova tagħha, ovvjament, kienet tinkombi lill-appellant u fil-fehma tal-Qorti hu ma għamilix. L-osservazzjoni tiegħu f'dak is-sens m'hi konfermata minn ħadd u hi negata mill-appellat. Il-fatt stess li ripetutament, għal tliet snin sħaħ, aċċetta kontijiet bir-riduzzjoni li hemm fihom, jew bla ebda riduzzjoni hu qanqal il-kwistjoni biss meta l-appellat azzjonah għal kreditu tiegħu dedott f'din il-kawża anki fih innifsu biss jirrendi l-pretensjoni tiegħu inverosimili.

Apparti milli, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija n-negozji kollha antecjuri għal dak li jifforma l-oġġett ta' din il-kawża, għandhom jitqiesu likwidati, ġustament osserva l-ewwel Onorabbli Qorti li l-appellant anqas ipprova bil-mod li kien ikun naturalment neċessarju għall-finijiet ta' kompensazzjoni, l-ammonti pretisi minnhom jew xi bażi soda li fuqha talvolta jiġu kalkolati prudenzjalment dawk l-ammonti. Sempliċement mhux biżżejjed għal dak li hu simili hu jsemmi xi numru ta' barrin kollha li hu jgħid li xtara mingħand l-appellat u jippretendi 'medja' ta' piż ta' rimi. L-ewwelnett fix-xhieda tiegħu fol. 13 hu qal illi n-numru ta' barrin kien 511-il barri

mixtrija f'perjodu ta' sentejn. L-appellat jikkontesta dak in-numru u jgħid li, għall-aħħar sentejn, kien biss ta' 258. It-tieni nett l-appellant jippretendi illi għal kull barri għandha tit-naqqas *'medja' ta' tliet artal u nofs (3½ rot) rimi. Emmanuele* Galea, bħala medja, issuġġerixxa 2½ rot. Dottor Cassar qal li ma tistax tiffissa regola u Paolo Pullicino qal ukoll li "ma tis-tax tieħu medja" (fol. 38). Fuq kollox imbagħad il-pretensjoni ta' l-appellant hi bbażata fuq l-assunt illi l-barrin kollha *li hu xtara mingħand l-appellat kienu tal-Jugoslavja li bħala re-gola* jkollhom il-fwied bil-ħsara: invece l-appellat xehed illi ħafna mill-barrin *li biegħ lill-appellant kienu importati mill-*Ungerija u anki mill-Bulgarija li apparentement m'humiex minn dawk li jissejħu "ta' Qattru" li l-iżjed ikunu bil-ħsara u Dr. Cassar xehed illi minn sentejn u nofs qabel xehed (perjo-*du li jkopri sa sentejn qabel il-kawża) "l-importazzjoni* tal-barrin saret prinċipalment mill-Bulgarija għalkemm saru wkoll xi importazzjonijiet mill-Jugoslavja." Barra minn dan l-appellat qal anki mill-Jugoslavja hemm laħam ukoll tal-pri-ma *minn* Zagreb (fol. 40).

Ovvjament, apparti mill-prinċipju hawn fuq imsemmi, il-provi ta' l-appellant huma bażi addirittura wisq vaga w inċer-ta biex fuqha tiġi sostnuta pretensjoni ta' kompensazzjoni.

L-istess ħwejjeġ hawn fuq imsemmija jgħoddu għall-pretensjoni ta' l-appellant dwar is-saqajn. Għad illi jidher so-disfaċentement mill-provi illi anki s-saqajn, għalkemm ma jintiżnux mal-barri, jappartjenu lix-xerrej u l-bejjiegħ ma jis-tax iżommhom jew jieħu minnhom b'xejn mingħajr ftehim *max-xerrej, b'dana kollu kull kwistjoni dwar xi saqajn li ħa l-*appellat mill-barrin mibjugħa lill-appellant għandha titqies li ġiet riżoluta meta saru *l-kontijiet* bejniethom. *Fi* kwalunkwe każ il-kalkolu ta' 700 suġġerit mill-appellant, hu sempliċi "guess" m'hux sostnut bl-ebda prova. Inoltre l-appellat xehed — mhux serjament kontraddett anqas mill-appellant stess —

illi kull darba li ħa xi sieq, ma qabadx u ħadha minn rajh iżda dejjem qal lill-appellant jew lil lavrant tiegħu Borg u ġie li lit-tifel ta' l-appellant li kien jistaqsih jekk iridx xi sieq. Anki Maurice Caruana, li kien impjegat ma l-appellant xehed li dan kien ikun preżenti meta l-appellat kien jieħu xi sieq u "l-appellant ma kien jgħid xejn meta jarah jieħu" (fol. 56). Joseph Falzon, ħu l-appellant, ukoll xehed illi bħala regola s-saqajn kienu joħduhom huma (cioè l-appellant) però "huwa użu li l-bdiewa ġie li jieħdu xi saqajn biex isajruhom huma stess u (l-appellat) ġie li ħa xi saqajn b'dan il-mod" (fol. 59) dak li jonnu juri illi l-okkażjonijiet li fihom l-appellat ħa xi saqajn kienu rari u, fi kwalunkwe każ, kien joħodhom bil-kunsens tagħhom. Trattandosi ta' negozji kbar, kif indubjament saru bejn il-partijiet fil-kors ta' fuq sentejn, u konsidrat il-fatt li l-appellat kien ibigħ lill-appellant bil-kreditu, m'hux sorprendenti li l-appelant kien ta' kull tant iħalli lill-appellat jieħu xi sieq (li tiswa 2/6) bla ma allura kien jippretendi jew jistenna ħlas tagħha.

Fuq l-aħħar pretensjoni ta' l-appellant rigwardanti £4 li hu jgħid li ħallas żejda lill-appellat, il-Qorti ma jidhrilhiex li ssib xejn utili x'iżżid ma dak li jingħad fis-sentenza appellata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata (b'dana illi, kif intqal fil-bidu ta' din is-sentenza, l-ammont li ġie kundannat iħallas l-appellant għandu jitqies li hu £544.7.9. u mhux £741.7.9). Kwantu għall-ispejjeż ta' prim'istanza dawk pagabbli mill-appellant għandhom ikunu limitati għal dawk taxxabbli fuq £544.7.9. l-ispejjeż ta' l-appell iħallashom l-appellant u għal finijiet tat-tassazzjoni l-ammont involut fl-appell għandu jitqies li kien dak biss ta' £544.7.9.